bis-swali taghha ghal-lagghat taghna. Id-Dar ta' San Ġużepp tal-Hamrun lagghetna bosta drabi ghall-kenn taghha. Hekk ukoll is-Sur Ivo Muscat Azzopardi, P.L., halliena niltaqghu kemm-il darba fl-uffiċċju tieghu tal-Belt. Lil dawn kollha ahna nizzuhom hajr u nwieghduhom li ma ninsew qatt dak li huma ghamlu ghalina; li ma kinux huma min jaf din il-"Ghaqda" taghna kinitx tkun tista' timxi hekk 'il quddiem u twettaq dawk il-hidmiet kollha li ghamlet ma' tul it-tletin sena tal-hajja taghha.

Kull ghaqda jew xirka biex tista' tindahal ghax-xoghol taghha u twettaq l-iskop li ghalih twaqqfet, jehtiġilha dar fejn il-membri jkunu jistghu jiltaqghu bla tfixkil meta u x'hin iridu, u fejn ikunu jistghu jitkellmu aktar bil-herqa u bil-hrara. Meta l-Membri jinġabru f'dik id-dar taghhom huma jhossu ruhhom aktar marbutin flimkien f'ghaqda ta' hbubija u, ghal kenn ta' saqaf wiehed, ihossu akbar mistrieh fil-barka u s-sliem ta' darhom.

Kull soċjetà ta' importanza jehtieġ, mela, li jkollha ċentru jew domus fejn jitnisslu l-attivitajiet kollha u minn fejn johorġu t-tusijiet biex jitwettqu dawk l-attivitajiet. Id-domus qisu r-ras ta' ġisem il-bniedem fejn jinsab il-mohh li jqanqal il-partijiet kollha tal-ġisem; sakemm soċjetà ma jkollhiex id-dar taghha tkun qisha qasba tixxejjer mar-rih: qatt ma tkun fis-sod, dejjem sejra min-naha ghall-ohra, qatt ma trabbi gheruq. Dan jahti li bosta mill-ghaqdiet u xirkiet li kellna f'Malta marru lura u bagghu sakemm intemmu rqiq irqiq ghax ma kellhomx dar fejn setghu jitfghu l-ankri u jibqghu weqfin halli jhabbtu il-bahar.

Ghal grazzja t'Alla u bis-sahha tas-Sur Ugo Muscat Azzopardi dak in-nuqqas issa mtlielna u dak il-periklu halliena. Issa minna jonqos jekk ma naqbżux 'il quddiem u nkattru l-hidma taghna b'risk l-ilsien Malti u f'ġieh Malta taghna.

---



## BLA TEBGHA

### (IMMAKULATA)

*Ta'* Patri Ġ. Mejlak, S.J.

Inti biss wahdek fost kemm huma n-nisa
fuqek mar Alla jghid: "Wahda hi l-hamiema
tieghi, wahda hi l-qaddisa". Hadt fil-wisa'
taż-żmien minn fomm il-ġnus il-barka s-sliema.

Mill-gharqa d-dinja kellek Int tehlisha,
lis-serpent rasu tishaq Int dejjiema,
lill-mewt tal-htija tajt il-mewt infisha,
u ta' fidwitna ma' Ibnek sirt Haddiema.

Sbejha bhal qamar u bhax-xemx maghżula,
sahharna ghal warajk, orbotna mieghek,
żommilna din ir-ruh mid-dnub mahlula.

U kif Susan tal-bjuda dhirt, MARIJA,
hawn fostna, rodd li fuq il-atar tieghek
nimxu, biex naslu fejnek fit-tgawdija.

B'kara, 15. 8. 49.

---

## LIX-XITA

*Ta'* Vincent Ungaro

Tinżel kull tant thabbat maż-żġieġ tat-twieqi
U traxxax il-jum kollu rqiq irqiq
Ohrajn tfawwar l-ibjar, tifqa' l-eghlieqi
U timla t-toroq kollha tajn u żlieq.

Il-bidwi jhobb jarak timlielu s-swieqi
Minghajr ma tinżel mghaġġla 'nkella sfiq;
Ix-xih, miskin, jishet it-temp qarrieqi
Ghaliex ixxarrbu ghasra f'nofs ta' trieq.

Ghidli daqsxejn. Thoss int il-qabża kbira
Li tniżżlek mis-Smewwiet sabiex tarana?
Taf xejn li tiġi hawnhekk f'daqsxejn ta' gżira?

Naf jien: Jien naf Min jibghat lilek maghna:
Alla jibaghtek hawn, fuq din l-art fqira
Ghax hadd hlief Alla wahdu ma jitmaghna.

5. xi. 49.